2026/2191

29.9.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2191

tat-28 ta' Settembru 2026

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(2) Fl-14 ta' Lulju 2026, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1533 (2004) tal-KSNU żied sitt persuni u żewġ entitajiet mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi. Erbgħa minn dawk il-persuni u waħda minn dawk l-entitajiet huma diġà elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005. Għalhekk jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness Ia u jiġu inklużi fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) l-Anness Ia huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

[1] ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/1183/oj.

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura "a) Lista ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 3(1)":

"47. Charles SEMATAMA

(psewdonimu: Sebanyana)

Dežinjazzjoni: a) Kurunell; b) Kmandant u mexxej militari ta' Twirwaneho.

Data tat-twelid: 1975.

Post tat-twelid: Kalunyo Village, Kamombo Localities, South Kivu, Democratic Republic of the Congo.

Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Indirizz: Hauts Plateaux, South Kivu, Democratic Republic of the Congo.

Sess: Raġel.

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 14 ta' Lulju 2026.

Informazzjoni oħra: Charles SEMATAMA huwa kmandant u mexxej militari ta' Twirwaneho, grupp armat Kongoliż involut f'atroċitajiet fil-provinċja ta' Kivu t'Isfel fir-RDK, inkluż il-qtil ta' ċivili, ir-reklutaġġ tat-tfal u attivitajiet li jheddu l-paċi u s-sigurtà tal-poplu tar-RDK. Ħolqa għall-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals.

48. Gustave KUBWAYO

(psewdonimu: a) Sirkoof; b) Surcouf; c) Surkof)

Dežinjazzjoni: a) Kurunell; b) Kmandant ta' FDLR-FOCA.

Data tat-twelid: 1969.

Post tat-twelid: a) Karago municipality, Gisenyi prefecture, Rwanda; b) Nyabihu District, Western province, Rwanda.

Nazzjonalità: Rwanda.

Indirizz: Democratic Republic of the Congo.

Sess: Raġel.

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 14 ta' Lulju 2026.

Informazzjoni oħra: Bħala wieħed mill-kmandanti ewlenin tal-Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR-FOCA) tal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda u l-kmandant il-ġdid tal-Commando de Recherche et d'Action en Profondeur (CRAP), Gustave KUBWAYO, magħruf ukoll bħala Sirkoof, huwa involut fl-ippjanar u l-promulgazzjoni tal-attivitajiet tal-grupp armat, bħat-tqegħid ta' persuni ċivili fil-mira, il-ħtif ta' persuni għal riskatt u l-isfruttament illegali tar-riżorsi naturali, kif ukoll involut fl-appoġġ mogħti lil dawn l-attivitajiet. Ħolqa għall-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals.

49. Corneille NANGAA YOBELUO

(psewdonimu: a) Corneille Nangaa; b) Corneille Yobeluo)

Dežinjazzjoni: Mexxej ta' Alliance Fleuve Congo (AFC).

Data tat-twelid: 9 ta' Lulju 1970.

Post tat-twelid: Bagboya, Haut-Uele, Democratic Republic of the Congo.

Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Numru tal-Passaport: a) numru OP1097934 tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo; b) numru DP0000149 tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo; c) numru DP0003850 tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

Indirizz: a) Boulevard Biangala, No. 36 Q, Salongo Sud C, Lemba, Kinshasa, Democratic Republic of the Congo; b) North Kivu, Democratic Republic of the Congo.

Sess: Raġel.

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 14 ta' Lulju 2026.

Informazzjoni oħra: Corneille NANGAA YOBELUO huwa l-mexxej ta' Alliance Fleuve Congo (AFC), moviment politiku militari alleat mal-Moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC) li ġie ssanzjonat min-Nazzjonijiet Uniti (CDe.006). Ħolqa għall-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals.

50. John Imani NZENZE

Dežinjazzjoni: a) Kurunell; b) Kap tal-intelligence ta' M23.

Data tat-twelid: 6 ta' Awwissu 1978.

Nazzjonalità: a) Repubblika Demokratika tal-Kongo; b) Rwanda.

Numru tal-Passaport: a) numru OP0204168 tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li jiskadi fil-5 ta' Lulju 2022; b) numru OB0072391 tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, li jiskadi fit-28 ta' Diċembru 2014.

Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali: numru 1 1978 8 0137555 3 27 tar-Rwanda.

Indirizz: North Kivu, Democratic Republic of the Congo.

Sess: Raġel.

Data tad-dežinjazzjoni min-NU: 14 ta' Lulju 2026.

Informazzjoni oħra: Bħala mexxej ta' M23, John Imani NZENZE huwa involut fl-ippjanar u l-promulgazzjoni tal-attivitajiet tal-grupp armat, kif ukoll fl-appoġġ mogħti lilhom. Ħolqa għall-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Individuals.";

(2) l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "b) Lista ta' entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 3(1)":

"11. ALLIANCE FLEUVE CONGO (AFC)

Indirizz: eastern Democratic Republic of the Congo.

Data tad-deżinjazzjoni min-NU: 14 ta' Lulju 2026.

Informazzjoni oħra: Alliance Fleuve Congo (AFC) huwa moviment politiku militari li jopera fid-DRK tal-lvant u huwa alleat mal-Moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża li ġie ssanzjonat min-Nazzjonijiet Uniti (M23/ARC). Stabbilit fl-2023. Ħolqa għall-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU: https://www.interpol.int/en/How-we-work/Notices/View-UN-Notices-Entities.".

ANNESS II

L-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-taqsima "A. Persuni", jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

"20. Charles SEMATAMA;

30. Gustave KUBWAYO;

35. Corneille NANGAA YOBELUO;

39. John Imani NZENZE";

(2) fit-taqsima "B. Entitajiet", titħassar l-entrata għall-entità li ġejja:

"1. Alliance Fleuve Congo (AFC).".